## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-3 ta' Awissu 2001**

**Citazzjoni numru 1997/98 GC**

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Mario Grech f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Grech Fisheries Limited u Maria Theresa Grech bhala garanti solidali**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elfejn, mitejn sebgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm2,227), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsab hawn annessi u markati Dok. "1" sa "17";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati;

Illi l-ammont huwa certu, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tikkundannahom li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn sebgha u ghoxrin liri maltin (Lm2,227), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :

1. Illi l-validita' tas-serje ta' kambjali in kwistjoni tifforma parti mill-mertu ta' kawzi ohra fl-ismijiet Mario u Marthese konjugi Grech u Grech Fisheries Limited vs Mizzi Brothers Limited u United Acceptances Finances Ltd., citaz. numru 1956/98 (RCP) differita ghas-26 ta' Jannar 1999, f'liema kawza qed jintalab il-kancellament ta' dawn il-kambjali, u dan minhabba li huma marbutin u fil-fatt imsemmijin f'kuntratt li qed jigi impunjat mill-konvenuti. Ghaldaqstant huwa sottomess li din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprasjedi f'din il-kawza pendenti l-ezitu tal-kawza fuq imsemmija;

2. Illi altrimenti tkun anomalija biex jinghad mill-inqas jekk l-ezitu tal-kawza fuq imsemmija, li allura hija intavolata qabel din, tippronunzja n-nullita' tal-kambjali filwaqt li tinghata sentenza ghall-hlas f'din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet "United Acceptance Finance Limited vs Mario Grech propio et nomine et";

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2001 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li ghandha tingahta sentenza fis-sens li l-konvenut proprio et nomine ghandu jigi kkundannat ihallas pero' l-hlas relattiv ghandu jigi depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti sakemm ikun hemm ezitu finali dwar il-kawza fl-ismijiet inversi li tirrigwarda l-obbligazzjoni li ghar-rigward taghha gew mahrugin il-kambjali in kwestjoni. Minflok il-hlas tista' timghata garanzija li tista' titqies li tkun tajba ghall-finijiet tal-hlas finali;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elfejn, mitejn sebgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm2,227), import ta' diversi kambjali accettati u ffirmati mill-konvenuti, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Il-konvenuti eccipew li l-validita' tal-kambjali in kwistjoni hi l-mertu ta' kawzi ohra li gew istitwiti mill-konvenuti kontra s-socjeta attrici u ohrajn. F'wahda minn dawn il-kawzi qed jintalab il-kancellament ta' dawn il-kambjali, minhabba li huma marbutin ma kuntratt li qed jigi impunjat mill-konvenuti. Ghalhekk il-konvenuti ssottomettew li il-Qorti ghandha tissoprasjedi sakhemm jigu decizi l-imsemmija kawzi l-ohra;

In vista tal-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 u in vista tal-fatt li din hi azzjoni kambjaraja ghandha tinghata sentenza immedjatament u dana fit-termini ta' dak li gie verbalizzat mill-partijiet fil-kors tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2001;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn sebgha u ghoxrin liri maltin (Lm2,227), import ta' diversi kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux u dana bl-imghaxijiet kollha kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv;

Tordna li l-hlas effettiv ghandu isir billi l-imsemmija somma u l-imghaxxijiet relattivi jigu depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti sakemm ikun hemm ezitu finali tal-kawza fl-ismijiet inversi li tirrigwarda l-obbligazzjoni li ghar-rigward taghha gew mahrugin il-kambjali in kwestjoni. Minflok il-hlas effettiv tista tinghata garanzija bankarja ghall-imsemmija somma u imghaxxijiet liema garanzija ghandha tkun minghajr kondizzjonijiet u ghandha ukoll tigi depositata taht l-awtorita' ta' din il-Qorti;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.